*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,056, 2 ta' Diċembru, 1988*
*Taqsima C*

# Nru. 53

2. 12. 88

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Emmanuel Bonnici M.P., Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-29 ta' Novembru, 1988.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Emmanuel Bonnici M.P., Minister for Development of Tertiary Sector and read the First time at the Sitting of the 29th November, 1988.

**AN ACT further to amend the Hotels and Catering Establishments Act, 1967.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu. Att Nru. XII ta' l-1967.

**2.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ġ); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(f) biex jistabilixxi jew jagħti setgħa lill-Bord li jistabilixxi l-inqas faċilitajiet u servizzi li għandhom jingħataw

f'lukandi, *hostels* u stabbilimenti li jipprovdu l-ikel ta' kull klassi, u biex jistabilixxi jew jagħti setgħa lill-Bord jistabilixxi l-prezzijiet għal dawk il-faċilitajiet u servizzi;".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz huwa sabiex jagħti setgħa lill-Ministru sabiex jippreskrivi permezz ta' regolamenti s-servizzi u l-faċilitajiet li għandhom jingħataw f'kull klassi ta' lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi l-ikel.

## A BILL

### entitled

*AN ACT further to amend the Hotels and Catering Establishments Act, 1967.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Hotels and Catering Establishments (Amendment) Act, 1988, and shall be read and construed as one with the Hotels and Catering Establishments Act, 1967, hereinafter referred to as "the principal Act".

Short title. Act No. XII of 1967.

**2.** Subsection (1) of section 15 of the principal Act shall be amended as follows:—

Amendment of section 15 of the principal Act.

(a) paragraph (f) thereof shall be renumbered as paragraph (g); and

(b) immediately after paragraph (e) thereof there shall be inserted the following new paragraph:—

"(f) establishing or enabling the Board to establish the minimum facilities and services that are to be provided in

hotels, hostels and catering establishments of any class, and fixing or empowering the Board to fix the prices for such facilities and services;".

---

**Objects and Reasons**

The object of this Bill is to empower the Minister to prescribe by regulations the services and facilities that are to be provided in any class of hotel, hostel or catering establishment.